Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1645

6.6.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (EURATOM) 2024/1645

## tat-30 ta’ Mejju 2024

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f’isem il-Euratom fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b’mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (“il-Euratom”) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom ([1]) u daħal fis-seħħ fis-16 ta’ April 1998.

(2) Fin-nuqqas ta’ xi aġġornament sostanzjali tal-Ftehim mis-snin 90, il-Ftehim kulma jmur sar dejjem iktar antikwat.

(3) Fl-2019, il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim (il-“Partijiet Kontraenti”) daħlu f’negozjati bl-għan li jimmodernizzaw il-Ftehim biex jallinjawh mal-prinċipji tal-Ftehim ta’ Pariġi adottat fit-12 ta’ Diċembru 2015 fil-kuntest tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma’ standards moderni tal-protezzjoni tal-investiment.

(4) Matul Konferenza ad hoc fl-24 ta’ Ġunju 2022, il-Partijiet Kontraenti laħqu ftehim fil-prinċipju dwar it-test modernizzat tal-Ftehim, u b’hekk ikkonkludew in-negozjati, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni finali mill-Partijiet Kontraenti. L-eżitu nnegozjat kellu jiġi adottat fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta’ Novembru 2022.

(5) Skont l-Artikolu 34 tal-Ftehim, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadotta testi ta’ emendi tal-Ftehim u tapprova modifiki u bidliet tekniċi fl-Annessi tal-Ftehim.

(6) Il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandha tadotta l-emendi proposti għall-Ftehim u tapprova (i) il-modifiki u l-bidliet tekniċi proposti fl-Annessi tal-Ftehim, (ii) il-bidliet proposti għad-deċiżjonijiet, d-dikjarazzjonijiet u l-ftehim, u (iii) id-deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja tal-emendi għall-Ftehim u l-modifiki u l-bidliet tekniċi fl-Annessi tiegħu. Huwa mistenni li matul l-2024 il-Konferenza ser terġa’ tressaq l-emendi proposti għall-adozzjoni.

(7) B’mod parallel ma’ din il-proposta, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Euratom mill-Ftehim li għandu jiġi adottat fl-istess ħin ma’ din il-proposta.

(8) Huwa xieraq li l-Euratom ma teżerċitax il-vot tagħha fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija li tivvota dwar l-emendi proposti għall-Ftehim u li tistabbilixxi l-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Euratom. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-diviżjoni tal-kompetenzi bejn il-Euratom u l-Istati Membri u kwalunkwe koordinazzjoni futura wara l-ħruġ tal-Euratom mill-Ftehim.

(9) L-abbozzi tad-deċiżjonijiet tal-konferenza dwar il-modernizzazzjoni tal-Ftehim jipprevedu li xi emendi għall-Ftehim kif ukoll il-modifiki u l-bidliet fl-Annessi tal-Ftehim ser japplikaw proviżorjament minn data li għandha tiġi ddeterminata mill-Partijiet Kontraenti, sakemm Parti Kontraenti ma tagħżilx li ma tapplikahomx proviżorjament billi tagħmel dikjarazzjoni għal dak l-għan fi żmien skadenza speċifika. Għalhekk, jenħtieġ li l-Euratom tieħu pożizzjoni dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim modernizzat. Soġġett għall-adozzjoni tal-Ftehim modernizzat mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, il-Kunsill, skont l-Artikolu 218(5), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jista’ jadotta deċiżjoni dwar applikazzjoni proviżorja, fuq proposta tal-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta’ tali deċiżjoni tal-Kunsill ġimagħtejn qabel l-iskadenza għan-notifika ta’ nonparteċipazzjoni fl-applikazzjoni proviżorja, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnotifika lid-depożitarju tal-Ftehim li l-Unjoni u l-Euratom jagħżlu li ma japplikawx b’mod proviżorju. Dan huwa mingħajr preġudizzju għat-tul ta’ żmien tal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim modernizzat mill-Unjoni u l-Euratom fejn il-Kunsill jadotta deċiżjoni għal dak l-għan.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta’ Settembru 1997 dwar il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija u l-Protokoll tal-Karta tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

(10) L-oqsma koperti mill-emendi proposti għall-Ftehim jaqgħu fil-biċċa l-kbira taħt il-kompetenza esklużiva tal-Euratom. Jenħtieġ li l-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti u li huma preżenti fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija jieħdu pożizzjoni li ma timpedix l-adozzjoni tal-modernizzazzjoni permezz tal-emendi proposti għall-Ftehim.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. F'konformità mal-Artikolu 36(7) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (ill-"Ftehim"), il-Euratom ma għandhiex teżerċita d-dritt tagħha li tivvota fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija dwar l-emendi proposti għall-Ftehim.

2. L-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim u li huma preżenti fil-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija għandhom jeżerċitaw il-vot tagħhom sabiex:

(a) ma jimpedux l-adozzjoni mill-Konferenza tal-emendi proposti għall-Ftehim;

(b) ma jimpedux l-approvazzjoni tal-modifiki u tal-bidliet tekniċi proposti fl-Annessi tal-Ftehim;

(c) ma jimpedux l-approvazzjoni tal-bidliet proposti għad-deċiżjonijiet,, id-dikjarazzjonijiet u l-ftehim; u

(d) ma jimpedux l-approvazzjoni ta' deċiżjoni dwar id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni proviżorja ta'emendigħall-Ftehim u l-modifiki u l-bidliet tekniċi għall-Annessi tiegħu.

*Artikolu 2*

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim modernizzat ġimagħtejn qabel l-iskadenza għan-notifika ta' nonparteċipazzjoni mill-applikazzjoni proviżorja, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lid-depożitarju tal-Ftehim li l-Unjoni u l-Euratom jagħżlu li ma japplikawx b'mod proviżorju.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Mejju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. VAN DER STRAETEN